# RIZOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETA'

**IL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL** jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:-

Billi wara sejħa għall-proposti maħruġa mill-*Privatisation Unit* fid-19 ta' Ġunju 2015, u *Memorandum of Understanding* iffirmat fit-22 ta' Marzu 2017, il-kumpanija Marsa Race Track Limited ġiet individwata bħala l-kumpanija idonea li għandha tingħata l-konċessjoni tal-korsa taż-żwiemel tal-Marsa sabiex twettaq investiment finanzjarju dirett, sabiex tiżviluppa u tamministra l-korsa taż-żwiemel tal-Marsa.

Billi l-imsemmi żvilupp huwa intiż sabiex il-korsa taż-żwiemel tal-Marsa tiġi mmodernizzata sabiex issir korsa ta' livell internazzjonali, li fiha jistgħu isiru l-fost l-aktar tiġrijiet taż-żwiemel prestiġġjużi fl-Ewropa, u sabiex din il-korsa jiżdiedula l-faċilitajiet sabiex iż-żwiemel u annimali oħra li jipparteċipaw f'ġirjiet ikunu jistgħu jinżammu bl-aħjar mod possibbli, kif ukoll żona dilapidata tal-pajjiż tiġi riġenerata, f'żona ta' rikreazzjoni mhux biss għas-sidien u d-dilettanti taż-żwiemel iżda anki għall-familji u għall-kummerċ.

Billi l-Consortium imsemmi wasal fi ftehim mal-*Malta Racing Club* sabiex it-tiġrijiet tradizzjonali jibqgħu isiru u l-Consortium jerfa' parti inġenti mill-ispiża sabiex il-*Malta Racing Club* tissaħħaħ u tikber.

U billi dan il-proġett huwa ta' benefiċċju għat-turiżmu f'Malta peress li apparti li jipprovdi ambjent isbaħ u aħjar ser jagħti wkoll il-faċilita' li jkun jista' jiġi pprovdut prodott aħjar għat-turiżmu sportiv f'Malta.

U billi wara parir mogħti mill-Avukat Generali ġie kkonfermat illi l-imsemmija konċessjoni ma tmurx kontra l-liġi li tirregola l-art li tinsab fid-dominju pubbliku u kien tal-parir li l-art tingħata għal perjodu temporanju u mhux tiġi trasferita kompletament.

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) ta' artikolu 31 tal- Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment.

U billi dan it-trasferiment gie ~~approvat~~ mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita ta' L-Artijiet fis-seduta ta' nhar 28 ta' Ġunju, 2018 wara li sar l-iskrutinju neċessarju u rakkomandat li jinnotifika lill-Ministru sabiex jipprocedi b'rizoluzzjoni Parlamentari u lis-CEO biex jidher fuq il-kuntratti relatati.

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati.

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi il-proprjeta' kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-kuntratti li jinsabu imqiegħedin fuq il-Mejda tal-Kamra u quddiem il-Kumitat tal-Verifika, l-art tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta'

hamsa u sittin (65) sena, liema enfitewsi tiġi mogħtija versu il-ħlasijiet kif aħjar indikati fi klawsoli numru 7.1 u 7.2 tal-Kuntratt ta' Koncezzjoni ta' Cens Temporanju hawn anness, liema ħlasijiet jiġu reveduti skont klawsola numru 7.3.

**MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**